MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2004

Numru 632/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**vs**

**CRISTINA GALEA**

**Illum 25 ta' Awissu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Cristina Galea ta' 50 sena bint Joseph Ciangura u mart Aldo Galea imwielda r-Rabat ta' Malta fil 25 ta' Ottubru 1953 u residenti numru 70, Triq Gorg Borg Olivier Rabat (Malta) detentrici ta' ID card numru 801453M giet akkuzata:

Talli fi Triq l-Imdina Hal-Qormi nhar is 26 ta’ April 2004 ghall-habta tat-tlieta w kwart ta’ wara l-ikel b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti filwaqt li kienet qieghda ssuq u/jew kellha l-kontroll tal-vettura numru CRS 253 laqtet u tajret lil Mary Decelis minn Hal-Qormi u kkagunatilha feriti ta’ natura gravi skond kif iccertifika t-Tabib Adrian Spiteri MD tal-Isptar San Luqa.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi filwaqt li kienet qed issuq il-vettura ndikata hawn fuq fl-imsemmija Triq, liema Triq hija irregulata b’sinjal tad-dawl tat-traffiku tal-vetturi, naqset li tieqaf meta d-dawl kien qed juri l-ahmar jew l-amber.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. RA3 u nnutat li l-imputata m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata kkoperat mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fil-Verbal ta’ l-istess Seduta Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-parte civile prezenti fl-Awla ddikjara li l-parte civile m’ghandha l-ebda interess dwar il-piena li l-Qorti joghgobha taghti lill-imputata, u dan qed jinghad bla pregudizzju ghad-drittijiet ta’ natura civili spettanti lill-parte civile.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 226(1) (b) tal-Kap. 9, Reg. 125 tal-A.L. 128 ta’ l-1994 u l-artikolu 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Cristina Galea, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta’ l-imputata, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u illi fil-Verbal ta’ l-istess Seduta Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-parte civile prezenti fl-Awla iddikjara li l-parte civile m’ghandha l-ebda interess dwar il-piena li l-Qorti joghgobha taghti lill-imputata, u dan qed jinghad bla pregudizzju ghad-drittijiet ta’ natura civili spettanti lill-parte civile, tillibera lill-istess imputata taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 30(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-imputata Cristina Galea milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Cristina Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------